

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla)  
tat-8 ta' Mejju 2013 Z vs Il-Qorti tal-Ġustizzja**

(Kawża F-71/11) <sup>(1)</sup>

**(Servizz pubbliku — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni)**

(2013/C 252/84)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Z (Lussemburgu, il-Lussemburgu)

Konvenuta: Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: A. V. Placco, aġġent)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tar-rapport ta' evalwazzjoni li jirrig-warda l-periżodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007, kif ukoll il-kundanna tal-konvenuta għall-ħlas ta' somma bħala kumpens għad-dannu morali.

**Dispożittiv**

- (1) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors F-71/11, Z vs Il-Qorti tal-Ġustizzja.*
- (2) *Ir-rikorrent għandu jbatisi l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat ibatisi l-ispejjeż sostnuti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 355, 03.12.2011, p. 30

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (Imħallef uniku)  
tat-18 ta' Ġunju 2013 — Jargeac et vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-98/11) <sup>(1)</sup>

*(Servizz pubbliku — Remunerazzjoni — Allowance tal-familja — Allowance tal-edukazzjoni — Kundizzjonijiet għall-ġhoti — Tnaqqis ta' allowance tal-istess natura rċevuta minn sorsi oħra — Rikors parżjalment manifestament inammissibbi u parżjalment manifestament infondat)*

(2013/C 252/85)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Bernard Jargeac et (Hostert, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: inizjalment minn F. Moyse u A. Salerno, avukati, sussegwentement minn A. Salerno, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u D. Martin, aġġenti)

**Suġġett tal-kawża**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li xi ghajjnuna finanzjarja ta' Stat Membru lill-istudenti ta' livell ta' edukazzjoni superjuri titqies bħala allowance tal-istess natura bħall-allowances tal-familja u li din l-għajnejha finanzjarja titnaqqas mill-allowance tal-edukazzjoni mħallsa lill-uffiċċiali ġenituri ta' dawn l-istudenti, kif ukoll l-annullament tad-deċiżjoni ta' rimbors tal-ammonti mħallsa li ma kinux dovuti.

**Dispożittiv tad-digriet**

- (1) *Ir-rikors, sa fejn ġie ppreżentat minn Finch huwa miċħud bħala manifestament inammissibbi.*
- (2) *Ir-rikors, sa fejn ġie ppreżentat minn Jargeac, Aliaga Artero, Charrière, Clarke, Domingues, Hughes, Lanneluc u Zein, huwa miċħud bħala manifestament nieqes minn kull bażi fid-dritt.*
- (3) *Jargeac u t-tmien uffiċċiali jew ex uffiċċiali l-oħra li isimhom jidher fl-anness għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom u l-ispejjeż tal-Kummissjoni Ewropea.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 347, 26.11.2011, p. 47.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla)  
tat-18 ta' Ġunju 2013 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-100/11) <sup>(1)</sup>

*(Servizz pubbliku — Uffiċċiali — Remunerazzjoni — Allowance ta' kuljum — Kundizzjonijiet għall-ġhoti — Stabbilitment effettiv tal-post tax-xogħol — Rikors manifestament infondat fid-dritt — Spejjeż legali — Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura)*

(2013/C 252/86)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrent: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Berardis-Kayser u J. Baquero Cruz, aġġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

**Suġġett tal-kawża**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad l-ġhoti lir-rikorrent tal-allowances ta' kuljum fir-rigward tad-deċiżjoni tat-trasferiment tiegħu mid-delegazzjoni fl-Angola għas-sede fi Brussell.

**Dispożittiv tad-digriet**

- (1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament infondat.*
- (2) *L. Marcuccio għandu jbatisi l-ispejjeż tiegħu u l-ispejjeż tal-Kummissjoni Ewropea.*